**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 561/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Vs**

**Kurishi Baker**

**Illum 11 ta' Awwissu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' **Kurishi Baker**, iben Bakar u Sara, imwieled is-Sudan fl-1 ta' Jannar 1993, bla residenza fissa u detentur tal-Police Immigration Card 20Z-361, talli fid-19 ta' Lulju 2023, għall-ħabta ta' bejn 03:30hrs u 04:30hrs, minn ġewwa l-fond 123, Triq Hookham Frere, Pietà, u f'dawn il-gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' baskett bil-ħwejjeġ li l-valur tagħhom ma huwiex iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) minn ġewwa il-fond 123, Triq Hookham Frere, Pietà, għad-detriment ta' Ahmad Hussein Abdalaziz, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok u bil-ħin u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(ċ)(e)(f), 267, 269(g), 270, 279(a), 280 u 281(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kkometta serq ta' mobile li l-valur tiegħu ma jaqbizx il-mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) minn ġewwa l-fond 123, Triq Hookham Frere, Pietà, għad-detriment ta' Bashar Alsweleh, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-ħin u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(e)(f), 269(g), 270 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(w) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli rrenda ruħu bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

[1] Fol. 19 tal-proċess.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti tikkundanna lil Kurishi Baker għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni konsistenti fi: (1) stqarrija rilaxxata mill-imputat markata Dok. "A"; (2) fedina penali ta' l-imputat markata Dok. "B"; (3) dikjarazzjoni ta' rifjut tal-parir legali ffirmata mill-imputat markata Dok. "C"; (4) *details form* ta' l-imputat markata Dok. "D"; u (5) il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, a fol. 18 tal-proċess;

Rat li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u li ddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2], liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena, minn liema irriżulta li l-imputat ikkopera mal-Pulizija w ammetta immedjatament għar-reati imwettqa minnu, in oltre huwa ddikjara li ddispjaċih ta' li għamel u rritorna l-mobile misruq hekk kif ġie arrestat u li huwa lest li jħallas is-somma ta' €400 rappreżentanti l-valur tal-ħwejjeġ misruqa minnu. Mill-istess sottomissjonijiet irriżulta wkoll li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga u in oltre ma għandux residenza fissa fejn jgħix;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fid-19 ta' Lulju 2023, għall-ħabta ta' bejn 03:30hrs u 04:30hrs, minn ġewwa l-fond 123, Triq Hookham Frere, Pietà, u f'dawn il-gżejjer Maltin: (1) ikkommetta serq ta' baskett bil-ħwejjeġ li l-valur tagħhom ma huwiex iżjed minn €2,329.37 minn ġewwa il-fond 123, Triq Hookham Frere, Pietà, għad-detriment ta' Ahmad Hussein Abdalaziz, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok u bil-ħin; (2) u aktar talli kkometta serq ta' mobile li l-valur tiegħu ma jaqbizx €232.94 minn ġewwa il-fond 123, Triq Hookham Frere, Pietà, għad-detriment ta' Bashar Alsweleh, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-ħin; (3) u aktar talli għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ; (4) u aktar talli rrenda ruħu bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

L-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni ta' ħtija da parte ta' l-imputat, il-Qorti għandha ssibu ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati dedotti fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammessi iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll is-segwenti: (i) il-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija; (ii) li rritorna l-mobile mertu tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih, appena ġie arrestat; (iii) li huwa lest li jħallas is-somma ta' €400 rappreżentanti l-valur tal-ħwejjeġ misruqa minnu; u (iv) li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

[2] Fol. 23 tal-proċess.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b)(d), 20, 31, 49, 50, 261(ċ),(e),(f), 267, 269(g), 270, 279(a), 280(1), 281(a),(b), 337(2)(b)(i) u 338(w) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputat iħallas lil Ahmad Hussein Abdalaziz is-somma ta' erba' mitt Euro (€400), rappreżentanti l-valur tal-ħwejjeġ misruqa minnu. Dan il-ħlas għandu jsir permezz ta' erba' pagamenti mensisli konsekuttivi ta' mitt Euro (100) il-wieħed, bl-ewwel pagament jagħlaq u jsir dovut xahar wara d-data meta l-imputat jiskonta l-piena karċerarja hawn imposta fuqu u r-rimanenti tlett pagamenti jagħlqu u jsiru dovuti kull wieħed minnhom fit-tlett xhur sussegwenti u konsekuttivi.

Peress li f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex: (i) l-imputat jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex jegħleb il-vizzju ta' abbuż ta' droga li huwa għandu, inkluż, jekk ikun il-każ, li isegwi programm għar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga; u sabiex (ii) l-imputat jingħata wkoll l-għajnuna kollha meħtieġa biex jitgħallem xi sengħa jew forma ta' xogħol ieħor għall-fini li jkun jista' jirreintegra ruħu aħjar fis-soċjetà meta jiskonta l-piena karċerarja hawn imposta fuqu.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**